**Lil Mons. Alwiġ Vella (1964-1996)**

**Il-Kan. Noel Saliba (1996-2006)**

**u l-Kan. Reuben Micallef (2006-   )**

**l-aħħar tlett arċiprieti tal-**

**Parroċċa Matriċi Santwarju**

**Ta' Sidtna Marija Mtellgħa fis-Sema**

**Taż-Żebbuġ**

**U  lill-Kan. Kantur Dun Karm Cini**

**L-Ewwel Direttur Spiritwali tas-**

**Soċjeta' Mużikali 'Santa Marija'**

**Dan il-ktejjeb niddedika**

## Daħla

Kien għall-ħabta ta' Jannar ta' din is-sena 2013 li l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sidnta Marija Mtellgħa fis-Sema taż-Żebbuġ resaq fuqi u talabni nikteb xi ħaġa biex jitfakkar b'kitba li tibqa' għal kemm tul is-snin it-tlett anniversarji speċjali li qed jiġu ċċelebrati matul din is-sena f'din il-parroċċa ddedikata lill-Assunta, l-Omm u Patruna speċjali tal-gżejjer Maltin. Fil-fatt, is-sena 2013 se tfakkar tlett ġrajjiet marbuta mal-istorja ta' din il-parroċċa: l-ewwel u qabel kollox it-325 sena minn meta l-Isqof ta' dawn il-gżejjer Fra Davide Cocco Palmieri waqqaf il-parroċċa l-ġdida taż-Żebbuġ ta' Għawdex bid-digriet *Cum in Prima* tat-28 ta' April 1688. It-tieni, din is-sena tfakkarna fil-150 sena mill-miġja fostna tal-istatwa titulari ta' Santa Marija li kienet inġiebet minn Marsilja fi Franza fl-1863. Matul is-snin din l-istatwa saret l-għożża speċjali tal-poplu ta' dan ir-raħal fuqani. Imbagħad, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, din is-sena tfakkar ukoll il-50 anniversarju mill-għoti tad-dinjità arċipretali lil din il-parroċċa; dakinhar l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace laqa' t-talba tal-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Franġisk Saliba u ħatru l-ewwel arċipriet tal-parroċċa.

Din li tlett anniversarji jaħbtu flimkien u jiġu ċċelebrati f'daqqa m'hijiex xi ħaġa li tiġri kuljum; għaldaqstant kien sewwa u xieraq li nerġgħu nħarsu lura flimkien lejn il-ġrajja antika ta' din il-parroċċa sabiex nieqfu u nirriflettu fuq dak li għaddiet minnu u nitgħallmu lkoll mill-imgħoddi tagħha. Kif qal wisq tajjeb l-Arċipriet il-Kan. Dun Reuben Micallef fl-omelija tal-ewwel Erbgħa ta' Santa Marija nhar it-8 ta' Mejju 2013 fil-Quddiesa ta' fil-għaxija: 'Jekk ma għeruq ġrajjietek, xi trid taf qaddis qaddisek?' Dan il-qawl antik Malti li bil-kemm għadek tisimgħu jiġbor fil-qosor dak li l-awtur Latin tal-qedem Ċiċerun kiteb fil-kitba tiegħu *De Oratore* meta qal *Historia magistra vitae* li maqluba f'ilsienna tfisser 'L-Istorja hija l-imgħallma tal-ħajja'. Għaldaqstant jagħmel sens li aħna u niċċelebraw dawn it-tlett anniversarji, nagħmlu minn kollox biex insiru nafu aħjar aħna min aħna sabiex dawn il-festi ma jkunux ġew u għaddew għalxejn.

Nawgura lil kull min jaqbad f'idejh dan il-ktejjeb li meta jerħih minn idejh ikun saf jaf aktar mill-qrib il-ġrajja ta' din ir-raħal li għeruqu huma minsuġin ħaġa waħda mal-istorja tal-gżira ħelwa tat-tlett għoljiet.

**Il-Għanja tal-Parroċċa**

Fost l-irħula ħelwa t'Għawdex
għan-nies bieżla magħrufin
iż-Żebbuġ jispikka sewwa
fost l-irħula kollha Għawdxin.

Fuq il-għolja wisq imperreċ
f'dak il-għoli qalb l-irjieħ
li mal-ġnieb tiegħu iħabbtu
qalb l-irwiefen fl-ifejn ksieħ.

Raħal żgħir fis-sura tiegħu
imma kbir fil-qalb tan-nies
nies ħawtiela, nies ħaddiema
fuq tal-gżira l-ogħla sies.

Nies li 'l Alla żammew f'qalbhom
tul il-medda minn tas-snin
kif taw xhieda il-kappelli
li ż-Żebbuġ kellu mferrxin.

Minn Għajn Mhelhel f'tarf il-għolja
sal-inħawi tal-Kanun
knejjes żgħar, bosta kappelli
fl-għadd kotrana daqs l-għejjun.

Art fil-għoli ssaltan wieqfa
fuq il-baħar u l-widien
raba' saqwi t'Għawdex l-għira
ġmiel ta' ħdura kullimkien.

Kienu dawn in-nies ta' tjieba

mingħajr pretensjonijiet
li għal ruħhom dejjem ħasbju
tagħha raw il-ħtiġijiet.

**TWAQQIF TAL-PARROĊĊA**

Kien fis-seklu sbatax sewwa
mas-sena tmienja u tmenin
li l-ulied tar-raħal xtaqu
li bħal sħabhom l-oħra Għawdxin...

Jingħataw knisja parroċċa
fejn 'l Alla jqimu f'kull żmien
jgħammdu, jżewġu, jaqdu dmirhom
bħala Insara bla dewmien.

Saret talba minn dal-poplu
lill-isqof ta' dak iż-żmien
biex il-knisja ssir parroċċa
taqdi n-nies sew fil-ġejjien.

Davide Cocco Palmieri
isqof ġdid fil-gżejjer sar
meta f'erba' rħula f'Għawdex
tal-parroċċa ġriet l-aħbar.

Kien ir-ragħaj taż-Żebbuġ, twajjeb,
Dun Franġisk Vella l-qassis
li intagħżel biex imexxi
il-parroċċa l-aktar fis!

Kien fir-raba' xahar tas-sena
il-jum tmienja u għoxrin
meta ħareġ digriet l-isqof

b’parroċċa għaż-Żebbuġin.

Feraħ Dun Franġisk li nħatar
kappillan u ragħaj ewlieni
tal-parroċċa ġdida mwaqqfa
qassis twajjeb, ferm ħabrieki.

Feraħ taż-Żebbuġ il-poplu
b’din l-aħbar ġdida u sabiħa
radd il-ħajr lill-Verġni Mqaddsa
u għolla il-parroċċa f’ġieħha.

Mill-Matriċi issa nqatgħet
sabiex taqdef mela għal rasha
il-parroċċa tal-Assunta
b’kappillan biex jagħti kasha.

Kienet tgħodd irjus fuq kollox
ftit aktar minn ħames mija
il-parroċċa illi twaqqfet
fuq din l-għolja Żebbuġija.

**DUN FRANĠISK VELLA**
**L-EWWEL KAPPILLAN**

Għalhekk ir-ragħaj ġdid tar-raħal
ħass il-bżonn li jibda jkabbar
ried li n-nies iħeġġeġ bħalu
lilhom ried bil-ħeġġa jdakkar...

Sabiex jibda x-xogħol tal-bini
u t-tkabbir tal-knisja ġdida
għenu Dun Franġisk Stivala
qassis kollu ħeġġa u ħila.

In-nies għenet biex titlesta
din il-ħidma u meddet idha
min bil-flus, min b'ġarr il-ġebel
basta jlestu l-knisja l-ġdida.

Kien imbagħad fl-elf seba' mija
magħhom żid sitta u tletin
l-Isqof De Bussan dilikha
b'żejt qaddis, dar tad-Divin!

Saħansitra kiteb dwarha
De Soldanis l-istudjuż
fil-ktieb tiegħu tal-istorja
dokument antik, famuż.

L-ewwel knisja kkonsagrata
wara l-maqdes katidral
b'navi u tmien artali sewwa
u anke kwadu titular.

Kien fi żmien Dun Franġisk Vella
li fuq Malta l-pesta ġiet
imma nħeles Għawdex tagħna
b'indħil qawwi mis-smewwiet.

Terremot nhar San Iġinu
ħeżżez knejjes kullimkien
'mma ż-Żebbuġ ukoll ħelisha
kompla l-bini tul iż-żmien.

Tlett snin wara dehret pjaga
ta' ġirati qerredin
li ħallew fl-uċuh tar-raba'

ħsara w qirda għal bosta snin.

L-aħħar snin tal-Kavallieri
kienu snin ta' telqa w bruda
fejn il-poplu xaba' minnhom
u dal-ġżejjer ġew milquta...

## IL-ĦAKMA FRANĊIŻA

Mill-qawwiet ta' Bonaparte
li fil-Port il-Kbir ankraw
b'dik l-iskuża li bżonn l-ilma
kienu daħlu w qagħdu hawn.

Ħadu l-gżejjer mingħajr ġlieda
ma waqfilhom ħadd u xejn
telgħet tperper il-bandiera
mill-inqas damet sentejn.

Sentejn iebsa għall-poplu tagħna
iebsa wkoll għaż-Żebbuġin
li mexxihom Ġużepp Grima
sa ma ħarġu rebbeħin.

Iż-Żebbuġ ġew il-Franċiżi
telgħu, serqu xi nagħġiet
dejqu n-nies u naffru l-poplu
ma damux għajr xi waqtiet.

Għadda l-għawġ ta' das-suldati
ġew l-Ingliżi, seklu ġdid
ġab il-paċi fuq pajjiżna
għadda ż-żmien qisu għafrid.

Kappillan mill-Isla ntagħżel
Carlu De Giovanni Inglott
u lir-raħal ried itejjeb
sura tajba ried irodd.

F'dar fi Triq ir-Ras fir-raħal
l-istudenti ġab flimkien
għat-tagħlim u għall-istudju
fl-aqwa mogħdija taż-żmien!

**SEMINARJU FIŻ-ŻEBBUĠ**

Nistgħu ngħidu ż-Żebbuġ kellu
seminarju għal ftit snin
fejn inġabru l-istudenti
jitħejjew għal qassisin.

Kien fi żmien Dun Karlu sewwa
li Michele Busuttil
pitter Via Sagra sbejħa
xogħol sabiħ, bil-bosta fin.

Bena wkoll il-kampnar għoli
Flok l-antik li kien qdiem sew
Fl-elf tmien mija w għaxra tlesta
Wara li ftit snin għaddew.

Fl-elf tmien mija u tlettax sewwa
tfaċċa fuqna flaġell kbir
ġiet il-marda minn tal-pesta
bħal kastig aħrax, qalil.

Kienet żgur il-ħarsa ħelwa
tal-Assunta mis-smewwiet

li din il-mard bgħid żammitha
miż-Żebbuġ, tiegħu l-ħariet.

L-ewwel nofs ta' seklu mwiegħer
Miegħu ġab qerda, għaks u ġuħ
Tfaċċa l-ġidri u l-kolera
Il-kummerċ ma ħax ir-ruħ.

Siefru n-nies fl-emigrazzjoni
Greċja, Eġittu u t-Turkija
u oħrajn biex xogħol isibu
marru mqar jgħixu Sqallija.

Kellha tkun gwerra qalila
fil-Krimea tant 'il bogħod
biex ix-xogħol reġa' żdied sewwa
u l-pajjiż reġa' fis-sod.

Snin ta' ġid tfaċċaw għall-poplu
Għawdex djoċesi għalih
issa nqata' b'seminarju
u bi kleru biex jaqdih.

Is-Sur Ġwann Marija Cini
għad-damask ħallas minn butu
kien meqjus raġel tat-tajjeb
rispettat tassew minn ħutu.

**IL-WASLA TAL-ISTATWA TITULARI**

Imma żgur li l-akbar ġrajja
tul is-snin tal-elf tmien mija
kienet il-wasla ta' statwa
kollha ġmiel, statwa smewwija.

Waslet minn Marsilja l-vara
li min jaf kemm dmugħ ferrieħa
qanqlet minn għajnejn il-poplu
għax tassew statwa sabiħa.

Waslet f'nofs pjazzet ir-raħal
l-ewwel statwa titulari
tal-Assunta f'din il-gżira
statwa ta' ġmiel tassew rari.

Statwa li tassew qlub serqet
tal-familji Żebbuġin
li l-kappillan Camilleri
tahom kawża għal ferħ bnin.

Harġu lkoll il-kaċċaturi
bl-ixkubetta għamlu ringiela
sparaw fl-ajru tir kull wieħed
taw salut minn ġol-filliera.

Sentejn wara il-kolera
waslet Għawdex, tant ħajjiet
ħatfet, qerdet, ħadet magħha
fid-djar daħlet bla staqsiet.

U fost dawk li mietu ħesrem
kien hemm omm il-kappillan
il-kolera m'urietx ħniena
dsatax mietu dak in-nhar.

Monsinjur Franġisk Saliba
missjunarju f'Tuneżija
jibqa' msemmi għal imħabbtu

lejn it-tempju ta’ Marija.

Minn Guletta fejn kien jaħdem
bagħat tant flus biex knisja jara
fiż-Żebbuġ, kor, saqaf, koppla
li n-nies bniet b’tant ħidma u ħrara.

Saħansitra l-Isqof Gonzi
ġablu l-ġieħ ta’ monsinjur
minn idejn il-Papa Piju
biex jurih rispett w unur.

**L-ITWAL PARROKAT**

Ma nistgħux ma ngħidux kelma
fuq Bartilmew Busuttil
li għal aktar minn nofs seklu
mexxa qalb ferħ u tfixkil....

Il-parroċċa Żebbuġija
ġab l-arloġġ, bena l-kampnari
bosta nkwadri kkummissjona
żied ukoll fil-Knisja l-vari.

F’dawn is-snin iż-Żebbuġ kellu
patri twajjeb Kapuċċin
Fra Baskal li l-fama kiseb
ta’ qaddis maż-Żebbuġin.

Iż-Żebbuġ ingħata l-Berġa
biex tal-poplu s-saħħa jġib
‘il quddiem, u nfetħet l-Għassa
f’nofs ir-raħal biex tkun qrib.

Il-fanali f’truf it-toroq
twaħħlu tul il-parrokat
sar titjib fir-raħal kollu
bidla kbira in-nies rat.

**IŻ-ŻEBBUĠ MATRIĊI**

Imbagħad wara l-ewwel gwerra
l-Għasri parroċċ’issa sar
liż-Żebbuġ għamel matriċi
knisja mżejna mill-aħjar.

Sena wara ngħata ‘l Knisja
il-korp sant sabiħ w għażiż
tal-Martri San Fortunatu
suldat qalbieni u qaddis.

Minn ġor-Rabat mexa l-kleru
lejn ir-raħal purċissjoni
f’nofs il-pjazza n-nies laqgħetu
kulħadd feraħ bl-okkażjoni.

Ġieħ għar-raħal kien u jibqa’
il-qassis Dun Karm Cachia
li in-nies fittxewh bil-kotra
għax imsemmi għall-qdusija.

Grazzji kbar tul ħajtu u wara
bit-talb tiegħu ġew maqlugħa
mit-truf kollha ta’ dal-gżejjer
f’kelmtu sabet in-nies duwa.

U sal-lum ismu jissemma
b’ċerta qima u foħrija

ħabb fuq kollox lill-Assunta
taż-Żebbuġ il-omm smewwija.

Twieqi ġodda fil-korsija
xogħol sabiħ sar fl-iskultura
mill-bennej Saverio Vella
u arzelel sbieħ fis-sura.

Irħam ġdid għall-presbiterju
kor sabiħ, taraġ l-altar
kollu ġmiel sar biex iżejjen
dan il-maqdes, t'Alla d-dar.

Mill-Italja wasal l-orgni
biex tisbieħ il-liturġija
isir kollox b'devozzjoni
ad unur t'Alla l-qdusija.

Pulptu ġdid, xogħol fl-iskultura
sa l-qanpiena l-kbira ġiet
ċimiterju ġdid jinbena
il-parroċċa wisq gawdiet.

**PROĠETT TAT-TKABBIR**

Imbagħad fl-elf u disa' mija
magħhom żid sitta u tletin
il-proġett tat-tkabbir beda
xogħol mirqum fil-ġebel fin.

Ħadmu sħiħ u stinkaw sewwa
missier w iben ma' xulxin
Vitor w ibnu Toni Vella
f'ħidma rżina magħqudin.

Kappillan Mikelanġ Cauchi
ħeġġeġ b'kelmtu ż-Żebbuġin
Dun Franġisk Saliba għenu
bl-għotjiet minn Tunes ġejjin.

Riedha Alla, riedha l-poplu
l-Omm tas-sema kollha ġmiel
dan il-maqdes tagħha ssebbaħ
xhud ta' wlied raħal ħawtiel.

Manwel Borg ħażżeż il-pjanta
sadattant kappillan ġdid
Dun Franġisk b'kunjom Mercieca
ġie biex jiżra' għaqda u ġid.

Waslu s-snin tat-tieni gwerra
żmien ta' biża', għaks u ġuħ
baqa' għaddej ix-xogħol tal-knisja
meta għaddiet, kulħadd ħa r-ruħ.

Tpittru l-kwadri tal-Cremona
l-appostli San Pietru u Pawl
San Ġorġ u Sant'Ursla magħhom
taw lill-Knisja dawl u ġmiel.

Twaqqfet fiż-Żebbuġ l-orkestra
miż-żewġ aħwa ta' Mallia
wara Anton, ibnu Ġużeppi
sebbħu lkoll il-liturġija.

Sena qabel nofs is-seklu
innu ġdid kumissjonat
safa mżanżan f'dik is-sena

minn kulħadd ġie apprezzat.

Sar ukoll xogħol kbir, ta’ ħila
fit-tqegħid tal-irħamar
paviment sar ġdid għall-Knisja
rħam ġdid sar għall-altar.

**IL-PROĠETT TAL-IRĦAM ONIĊE**

Kellu jkun Salvu Cefai
li instab fl-għelieqi tiegħu
l-irħam fin u bosta mfittex
li intrabat ismu miegħu.

Għoġbu jagħti minnu ’l-Knisja
għaliex kbir benefattur
biex illum iż-Żebbuġ għandu
tempju ġmiel, tal-poplu’wnur.

Artal ġdid għall-Kunċizzjoni
il-maġġur fl-Italja sar
ħadet dehra ġdida l-Knisja
kulħadd feraħ dak in-nhar.

Saru bosta opri oħra
apparat għall-festa ġdid
seba’ kappi, tuniċelli
baldakkin irrakkmat bl-id.

Fiż-Żebbuġ inbniet l-iskola
f’post sabiħ, tassew arjuż
biex it-tfal jitgħallmu sewwa
f’dan il-post fuq riħ taċ-Ċnus.

Aktar tard fl-elf disa' mija
magħhom żid tnejn u sittin
saret statwa tal-Assunta
mill-magħruf skultur Wistin.

Kiteb innu is-Sur Mallia
Fuq kliem ħelu u mirqum
Tal-qassis Mikelanġ Apap
B'għożża minn kulħadd miżmum.

Fi żmien Dun Franġisk Mercieca
sar xogħol siewi, induratura
tal-gandlieti u tal-appostli
u x-xemgħat kollha bil-fjura.

Antiporta ġdida żżanżnet
xogħol tas-sengħa, Anton Mallia
ħadem biex il-Knisja jżejjen
sura ġdid tkun mogħtija.

Fiż-Żebbuġ daħal il-Legion
fonti sar tal-magħmudija
il-parroċċa, arċipretali
bħala titlu ġiet mogħtija.

Magħruf jibqa' Dun Andrea
aktar tard sar monsinjur
li tar-raħal niseġ storja
li tissemma kull ma jmur!

Kien qassis għaref u twajjeb
spiritwali direttur
illi qeda s-Seminarju;

tal-Matriċi kien Kantur.

Wara l-mewt tar-ragħaj wisq twajjeb
Dun Alwiġ neputi tiegħu
ġie magħżul b'ragħaj tal-parroċċa
li tassew kien ħaddan miegħu.

Tul is-snin ta' Dun Alwiġi
reġgħet bdiet toħroġ sabiħa
bil-kostumi, xbiehat, statwi
'l-purċissjoni wisq mixtieqa...

Nhar il-jum tal-Ġimgħa l-Kbira
mat-triqat qodma tar-raħal
għalkemm kien bikri fis-seklu
li dal-kult fiż-Żebbuġ daħal.

Sar damask il-ġdid tal-palma
tkompla x-xogħol tal-iskultura
qatt m'hediet il-ħidma siewja
u in-nies ma qagħditx lura.

Ġiet bid-dar biex tgħix u torqod
ta' De Piro l-għaqda mbierka
bid-dar tagħha 'Stella Maris'
maż-Żebbuġ marbuta, mxierka.

Kien fi żmien l-Arċipriet Vella
li bdiet ħidma ta' tħejjija
biex l-inwadru tal-Assunta
ġieħ jingħata biex Marija.....

l-Omm Patruna ta' dar-raħal
tkun tassew inkurunata
festi kbar kif xieraq saru
qima minn kulħadd tingħata.

Sa minn Ruma Mario Ciappi
ġie kif xieraq kardinal
biex ikabbar dawn il-festi
li stennew iż-żgħar u l-kbar.

Festi kbar u memorabbli
ad unur Santa Marija
fiż-Żebbuġ dakinhar saru
ġibdu stima u foħrija.

**FESTI TRE-ĊENTENARJI**

Imbagħad fl-elf u disa' mija
magħhom żid tmienja u tmenin
saru l-festi ċentenarji
minn kulħad mistennijin.

L-eqdem kwadru titulari
ġie mżejjen b'ħaġar prezzjuż
għax mill-poplu kollu dejjem
b'għożża u qima kien meqjus.

Ġiżirana u stellarju
qamar f'riġlejha fiddien
għelm tal-glorja tal-Assunta
l'għaffġet l-għadu ta' kull żmien.

Fuq l-istatwa titulari
l-istellarju l-arċipriet

poġġa hieni għax il-poplu
qima jagħti ‘l Ommu ried.

Imbagħad wara snin bil-kotra
fit-tmexxija t’arċipriet
ġie magħżul ragħaj ġdid għar-raħal
minn fost taż-Żebbuġ l-ulied.

Kien il-elf u disa’ mija
magħhom żid sitta u disgħin
il-qassis Noel Saliba
sar ir-ragħaj taż-Żebbuġin.

Feraħ dal-poplu Żebbuġi
B’din il-ħatra ta’ ragħaj ġdid
Kulħadd ried li dan il-għażla
Tkun ta’ siwi, ta’ tiġdid.

Tkabbar sewwa ċ-ċimiterju
biex jaqdi il-ħtiġijiet
li mas-snin inbidlu u kotru
u ż-Żebbuġ kiber u żdied.

Mużew ġdid ta’ Dun Ġorġ Preca
wara l-Knisja nbena ġdid
kien fost l-isbaħ ta’ gżiritna
it-tagħlim fih kompla jżid.

Tkabbret ta’ kull sena l-festa
ad unur Santa Marija
ma naqsux il-pellegrini
minn kull tarf tal-gżira Għawdxija.

**TWAQQIF IL-BANDA ‘SANTA MARIJA’**

Għamlet isem b'ġieħ ewlieni
il-Banda Santa Marija
li tul din l-arċipretura
bdiet tassew tkun imfittxija.

Sar sett ta' għoxrin pjaneta
saru nkwadri sbieħ, ħelwin
inħadmu wkoll ventaltari
sar restawr meħtieġ, fil-ħin.

Gawda ċ-ċentru parrokkjali
b'dehra ġdida, wisq sabiħa
u għall-Ġimgħa l-Kbira nħadmu
xi bradeli u ħidma sħiħa.

Sat-tużell ingħata dawra
xogħol, restawr u nduratura
u minn ġewwa, Vitor Cini
ħa ħsieb ix-xogħol tal-pittura.

Il-muzzetti, tmintax b'kollox
ċelesti għall-purċissjoni
kulħadd ħadem b'riżq il-Knisja
f'għaqda waħda bħal unjoni.

Imbagħad sitt snin sewwa wara
il-Ġublew il-Kbir, inħatar
arċipriet ġdid għall-parroċċa
biex il-ġid kompla jitkattar.

Dun Reuben Micallef, Kerċmi,
minn Vigarju l-Katidral
ġie magħżul b'missier il-poplu

kemm tal-kbar u kemm taż-żgħar.

Malajr medd għonqu għall-ħidma
bl-isem sar jaf lil kulħadd
u fil-qalb tal-poplu daħal
biex ma joħroġ qatt u qatt.

Beda x-xogħol ta' restawr xieraq
fuq id-dar tal-arċipriet
ingħatat dehra sabiħa
kif il-poplu kollu ried.

Sar restawr għand ta' Wistinu
fuq xbihat San Fortunatu
wisq ingħoġob hekk kif tlesta
lin-nies ġibed hekk kif ratu.

Komplew żdiedu il-kostumi
għal matul il-purċissjoni
li toħroġ fil-Ġimgħa l-Kbira
u 'l kulħadd tgħaqqad unjoni.

Ma nistgħux inħallu barra
lill-qassis bosta maħbub
Dun Anton Dimech 'tal-pupu'
qassis li seraq il-qlub.

Tibqa' ħajja u bla mitmuma
ta' dat-twajjeb saċerdot
It-tifkira ħelwa tiegħu
bieżel, u b'karattru sod.

Mess lil Dun Reuben ifakkar
seklu u nofs minn fost is-snin

tal-istatwa titulari
ġieħ u ġmiel taż-Żebbuġin.

Raġun kellha Mary Meilak
'statwa ġmiel, rari, msemmija'
marret sejħet lill-Assunta
taż-Żebbuġ, vara smewwija.

Tiġbed l-għajn, statwa tas-sema
lill-qlub tmiss, tiġbed foħrija
xbieha ħelwa b'wiċċ li jbikki
mhux tal-art, statwa smewwija.

Kwart ta' seklu tgerbeb b'ħeffa
mindu l-festi ċentenarji
l-emigranti wlied ir-raħal
ġew mill-bogħod, pajjiżi varji.

Nitolbuha lill-Assunta
f'din is-sena mistennija
titfa' l-ħarsa ħelwa tagħha
fuq il-ġemgħa Żebbuġija.

**FESTI SPEĊJALI 2013**

Ħamsin sena arċipretali
din is-sena il-parroċċa
qegħda tfakkar kif hu xieraq
mar-ragħaj tagħha lkoll qaqoċċa.

Ġrajjiet sbieħ flimkien annuna
ejja nfakkru ferħanin
dawn it-tlett anniversarji
li qed jaħbtu ma' xulxin...

tal-parroċċa, tal-istatwa
u tal-ġieħ arċipretali
xhieda t'għaqal ta' qabilna
ġens ta' ħidma, ġens ħawtieli.

Radd il-ħajr lill-Mulej Alla
li dix-xorti qed jagħtina
biex infakkru ġrajjiet hienja
ngħadduhom lil ta' warajna.

Mit-tron tiegħek maġenb Ibnek
isma' talbna, qatt tħallina
lilek għażlu l-abbi tagħna
biex fil-hemm tidħol għalina.

U kif darba minn ġol-kwadru
ħriġt imgħaddba għall-għedewwa
hekk illum fittex eħlisna
minn kull qerq u minn kull dnewwa. . .

sabiex meta din il-mixja
fit-tmiem tasal, niġu ħdejk
u tassew u mhux f'xebħ, nilmħu
lewn il-kremżi fuq ħaddejk.

---